**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni 116/2018**

**Illum 12 ta' Lulju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 198997 (M) billi huwa akkuzat talli:

1. Importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u ristretta (MDMA) minghir awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritrndent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u ristretta (Ketamine) minghir awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritrndent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3. Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluz, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (MDMA) minghir awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritrndent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

5. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Ketamine) minghir awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritrndent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

6. Kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhm bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta,

7. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 533 (1) tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolmenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati u rat l-Artiklu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti issib lil imputat Omissis hati u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghall-sentejn u Multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

*Inoltre*, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-ghan illi jgheleb il-vizzju tad-droga u dan billi fost ohrajn, jibda u jlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u dan dejjem skont kif rakkomandat lilu mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuh, inkluz billi jibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt mal-Agenzija koncernata u anke jhalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Finalment l-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem l-imputat kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan biex tkun protetta l-identita' tieghu.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**